# DEĊIŻJONIJIET

## TAL-

# QRATI SUPERJURI TA' MALTA

---

## L-EWWEL PARTI

## QORTI TA' L-APPELL

---

## L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

---

11 ta' Jannar, 1954.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Cutajar *versus* Mario Blackman

**Retratt — Lokazzjoni — Frutti Ċivili — Rigal — Art. 1494, 370 u 369 tal-Kodiċi Civili.**

***L-enumerazzjoni li l-liġi tagħti tal-frutti ċivili ma hix tassativa, imma sempliċement enumerativa.***

***Rigal li jirċievi sid il-fond fl-okkażjoni ta' kirja li huwa jagħmel ta' dak il-fond, bħala parti mill-korrispettiv tal-kirja jiinakien mal-kera, għandu jiġi kunsidrat bħala frott ċivili.***

***Għaldaqstant, jekk wieħed jakkwista fond u mbagħad jikrieh, u flim-***

*kien mal-kera jiehu rigal, u wara dak il-fond jirkuprawhulu u huwa jirrikonoxxi l-irkupru u jirrivendieh lir-retraent, huwa ghandu dritt iżomm dak ir-rigal jekk huwa jagħżel li jżomm il-frutti minflok li jiehu l-interessi.*

*Imma l-frutti ċivili jiġu konteġġjati "dietim", u r-retrattarju ma jistax iżomm dawk il-frutti li jiskadu wara li jkun ġie notifikat bil-ċedola ta' l-irkupru u depożitu.*

*Ghaldaqstant ir-rigal ghandu jiġi ripartit "dietim" skond id-durata tal-lokazzjoni li in konsiderazzjoni taghha ikun tħallas dak ir-rigal, u r-retrattarju li jkun ghażel li jżomm il-frutti ghandu jirrifondi lir-retraent parti minn dak ir-rigal, korrispondenti ghaż-żmien li jkun baqa' minn meta saret in-notifika ta' l-irkupru u tad-depożitu sa tmiem iż-żmien miftiehem ghal-lokazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Taghha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, waqt li kien proprjetarju, kera parti mill-fond "Vincent House", Lord Lloyd Street, il-Hamrun, ghal skop kummerċjali, u rċieva minn ghand l-inkwilin rigal ta' £30; u illi huwa rkupra dak il-fond u ġiet lilu maghmula r-rivendizzjoni mill-konvenut, li ghalhekk tenut li jirrimborża dik is-somma, billi dik mhijiex frott skond il-liġi, u ma tirrigwardax il-perijodu tal-pussess tal-fond da parti tal-konvenut; talab illi, wara li jiġu maghmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu moghtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat li jħallsu s-somma fuq indikata ta' £30, minnu riċevuta bħala rigal meta kera dik il-parti tal-fond fuq imsemmi. Bl-interessi legali, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie ingunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa illi r-rigal li wiehed jirċievi meta jikri, iwelli jew ibiegħ, hu frott tal-ħila tieghu li jaghmel negozju tajjeb, u ghalhekk b'ebda mod ma ghandu jmur a benefiċċju tar-retraent;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Ottubru 1953, li biha t-talba ta' l-attur ġiet milqugha, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi b'ċedola tat-30 ta' Jannar 1952, quddiem din il-Qorti, l-attur irkupra mill-poter tal-konvenut il-fond imsemmi fi-

att taċ-ċitazzjoni. Il-konvenut irrikonoxxa dak l-irkupru, u rrivenda l-fond lill-attur. Minħabba dik ir-rivendizzjoni l-konvenut irċieva minn għand l-attur il-prezz tal-bejgħ tal-fond u l-ispejjeż leġittimi kollha li huwa kien għamel f'dak il-bejgħ. Hewa rrinunzja li jirċievi l-imgħaxijiet fuq dawk is-somom tal-prezz u ta' l-ispejjeż, billi għażel li jżomm, kif żamm, il-frottijiet li kien daħħal mill-istess fond, jiġifieri l-kera;

Qabel ma l-attur irkupralu l-fond, u fiż-żmien li l-istess fond kien għadu proprjetà tiegħu, il-konvenut kien kera parti minnu, u rċieva minn għand l-inkwilin, minbarra l-kera, rigal ta' £30. Fir-rivendizzjoni fuq imsemmija, il-konvenut, minbarra dak il-kera, żamm ukoll dawk it-£30, billi allega li huma frottijiet ċivili tal-fond, waqt li l-attur ippretenda illi l-konvenut kellu jagħtih dik is-somma, għaliex ir-rigal mhuwiex frott skond il-liġi. Il-partijiet ftehmu fuq kollox, barra minn din il-kwistjoni, li ħallewha impreġudikata biex tiġi definita mill-Qorti;

Illi l-pretensjoni ta' l-attur hija li r-rigal fuq imsemmi ma huwiex frott ċivili skond il-liġi, u għalhekk il-konvenut, li bħala retrattarju, u fit-termini tal-proviso tad-dispożizzjoni ta' l-art. 1494 tal-Kodiċi Ċivili, irrinunzja għall-imgħaxijiet u għażel li jżomm il-frottijiet, għandu jagħti dawk it-£30. Din il-pretensjoni tidher sostenibili;

Illi hemm tliet speċi ta' frutti: naturali, industrijali, u ċivili (art. 370 Kap. 23). Il-konvenut jallega illi r-rigal hu frott ċivili. Il-Kodiċi Patrju ma jiddefinix x'inhuma, imma jindika liema huma dawn il-frutti ċivili, billi jenumerahom hekk: il-kera ta' beni mikrija, iċ-ċnus, l-imgħaxijiet ta' kapitali, ir-renti ta' kull sena (art. 370 (3) Kap. 23). Dina l-enumerazzjoni li tagħti l-liġi tal-frottijiet ċivili, għandha tittieħed bħala tassattiva, u mhux eżemplifikattiva kif jissottometti l-konvenut. Tabilħaqq, f'dik id-dispożizzjoni l-liġi tenumera "liema huma" l-frottijiet ċivili; u wara dik l-enumerazzjoni ma żżidx tgħid "u ħwejjeġ oħra bħal dawn", jew xi kliem ieħor biex bihom turi illi dik l-enumerazzjoni hija biss eżemplifikattiva: u mhuwiex leċitu li jiġu inklużi bħala frottijiet ċivili ħwejjeġ oħra, bħal rigal, ladarba l-liġi ma tinkludihx bħala tali, billi, kieku l-leġislatur ried, kien jinkludi

fost il-frutti ċivili r-rigal. "Ubi voluit expressit";

Hu minnu illi l-liġi tiddisponi illi l-lawdemju ta' l-enfitewsi jmissu lill-użufruttwarju (art. 373 Kap. 23), imma dan mhux għaliex tinkludi l-lawdemju, imma għaliex il-leġislatur ikkunsidra ċerti każi speċjali li għalihom applika b'ċerti modifikazzjonijiet ir-regoli ġenerali, u hekk neħħa kull diffikultà li kull każ seta' jippreżenta; liema każi speċjali huma dak tal-kważi-użufrutt, dak tar-rendita vitalizja, u dak tal-lawdemju, imsemmijin rispettivament fl-art. 366, 374 u 373 tal-Kodiċi Civili. Biex jissemma l-aħħar każ, billi huwa fil-kwistjoni, il-liġi ma tinkludix il-lawdemju fost il-frottijiet ċivili, imma biss tikkunsidra l-lawdemju bħala frott ċivili tad-dominju dirett. Dawn it-tliet każi huma speċjali, u għalhekk ma jestendux għal każi oħra;

Illi r-rigal ma jistax jiġi kunsidrat bħala frott ċivili. Karattru essenzjali tal-frottijiet, ta' kull speċi li jkunu, u għalhekk ukoll ta' dawk ċivili, hi l-perijodiċità, billi l-frottijiet huma l-prodotti perijodiċi ta' ħaġa — "quidquid ex re nasci et rinasci solet" (L. 121 D. De Verb. Signific.); il-frottijiet għandhom il-karattru tal-perijodiċità; il-produzzjoni tagħhom issir b'intervalli perijodiċi — "i frutti sono tutto ciò che la cosa produce e riproduce" (Laurent, Diritto Civile, Vol. VI, para. 197); "i frutti altro non sono che le produzioni periodiche del fondo da cui derivano" (Ricci, Diritto Civile, Vol. II, para. 112). Hu ċar li r-rigal ma għandux il-karattru tal-perijodiċità, billi ma huwiex fih innifsu prodott perijodiku, u ma jiġix prodott u riprodott mill-ħaġa. Konsegwentement ir-rigal mhuwiex frott ċivili, għaliex "essendo i frutti la produzione periodica della cosa, qualsiasi altra produzione che non abbia il carattere di periodicità, che non consista, cioè, nel nascere e rinascere, non può comprendersi tra i frutti" (Ricci, loc. cit.); "i prodotti che non si percepiscono periodicamente......... non sono frutti" (Baudry-Lacantinerie, Dei Beni, par. 290). Il-frottijiet ċivili ma humiex veri frottijiet, imma frottijiet fittizji; il-liġi tassimila għall-frottijiet l-utili li jiġi rikavat minn dar meta tiġi mikrija, minn kapital meta jiġi impjegat b'imgħax, jew renta, billi hemm l-analoġija li dan l-utili jikkostitwixxi prodott re-

ġolari, permanenti, li jiġi rinnovat inċessabilment, bħall-frottijiet ta' l-art (Laurent, loc. ċit., para. 199). Il-frott ċivili hu l-korrispettiv tal-godiment al-ħaġa; ir-rigal ma jirrappreżentax dan il-korrispettiv;

Illi r-rigal ma jistax jiġi kunsidrat bħala frott ċivili l-istess bħal ma hu kunsidrat il-lawdemju, kif jissottometti l-konvenut. Kif ġa ngħad, hu biss bħala każ speċjali li l-lawdemju hu kunsidrat mil-liġi bħala frott ċivili. Minbarra dan, u kuntrarjament għal dak li jissottometti l-konvenut, il-lawdemju ma jixbah f'xejn lir-rigal. Il-lawdemju għandu l-karattru tal-perjodiċità, billi jitteħed kull darba li ssir konċessjoni, kemm il-darba jkun ġie stipulat fl-att oriġinali ta' l-enfitewsi li għandu jingħata, waqt li r-rigal mhux ħaġa li tirrikorri. Il-lawdemju proprjament hu prezz ta' rikonoxximent tas-subenfitewta mid-direttarju, liema prezz irid jingħata bilfors fil-każ u jekk ikun ġie stipulat kif ġa ssemma, waqt li r-rigal mhijiex ħaġa li tingħata bilfors, billi mhuwiex ħaġa oħra ħlief inċentiv biex isir xi att, u mhux b'xejn rikonoxxut mil-liġi;

Illi l-konvenut, bħala retrattarju, billi rrinunzja għall-ingħaxijiet tal-flus li nefaq biex akkwista l-fond, għandu dritt, skond il-liġi, li jżomm il-frottijiet li minn dak inħar tal-bejgħ ta' l-istess fond huwa daħħal minnu fiż-żmien li kien proprjetarju tiegħu; imma kull ħaġa li mhijiex frott ma jistax iżommha, u għandu jagħtiha lura lill-attur, retraent ta' dak il-fond. U għalhekk, billi r-rigal ta' £30 li huwa daħħal minn dak il-fond mhuwiex frott, il-konvenut għandu jagħtih lill-attur;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, fol. 28, u rat fol. 29 il-petizzjoni tiegħu, li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tiġi revokata, u li t-talba ta' l-attur tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatti huma suffiċjentement riportati fl-ewwel paragrafu tal-parti espożitiva tas-sentenza appellata, u ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti. Il-pont hu jekk il-konvenut

għandux jagħti lill-attur is-somma ta' £90 li l-istess konvenut xtara bħala rigal fl-okkażjoni tal-lokazzjoni li hu għamel ta' parti mill-fond (ħanut) fiż-żmien li l-fond kien għadu ma ġiex irkuprat mill-attur. L-Ewwel Qorti ġiet għall-konklużjoni li dik is-somma tar-rigal ma hix "frott", u, kif espressament rafħha fil-paragrafu konklużjonali, "kull ħaġa li ma hijiex frott" il-konvenut retrattarju "ma jistax iżommha, u għandu jagħtiha lill-attur retraent";

Verament — apparti għal issa l-kwistjoni jekk ir-rigal in parola huwiex jew le frott — ma jidherx li dan l-argument konklużjonali ta' l-Ewwel Qorti hu aċċettabili "sic et simpliciter"; anzi, skond il-liġi, ir-retrattarju għandu jagħti lura l-"frottijiet" (meta ma jagħtiex li jżommhom), u għalhekk, jekk ir-rigal ma hux frott, allura "prima facie" ma hux restitwibili, u jista' jkun biss restitwibili għal xi raġuni oħra, imma mhux sempliċement u senz'altro għaliex ma hux frott. Il-fatt li ma hux frott per se ma jġibx li r-rigal għandu jiġi restitwit, anzi jeskludih mir-restituzzjoni, li tirriferixxi għall-frottijiet, u jista' jkun restitwibili, imma għal raġuni oħra, jekk mhux frott;

Kwantu għall-punt jekk dan ir-rigal għandux jitqies frott, jew le, din il-Qorti hi ta' fehma li s-soluzzjoni għandha tkun bażata fuq dawn ir-riflessjonijiet li sejrin jingħadu;

Skond il-liġi — art. 1494 Kap. 23 Edis. Riv. — ir-retrattarju jista' jieħu l-imgħaxijiet fuq is-somom minnu żborżati u jrodd il-frottijiet, billi jiddeduċi l-valur tagħhom mill-imgħax, jew inkella jagħżel li jżomm il-frottijiet u jirrinunzja għall-interessi;

Għalkemm fit-titolu tar-retratt il-liġi ssemmi biss frottijiet in ġenere, bla ma tagħmel ebda rikjam għal dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, jidher però loġiku li wieħed jirrikorri għal dispożizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Ċivili sabiex jara jekk ir-rigal għandux jitqies li hu frott jew le; u preċiżament għad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 369 u 370 idem, fejn jingħad li l-frottijiet huma naturali, industrijali u ċivili. Hu ċert li r-rigal ma jistax ikun frott naturali u lanqas frott industrijali, u l-kwistjoni tibqa' ristretta jekk hux frott "ċivili";

Il-liġi tgħid hekk, fl-art. 370 (3) idem:— "Huma frot-

tijiet ċivili l-kera ta' beni mikrija, iċ-ċnus, l-imgħaxijiet ta' kapitali, u r-renti ta' kull sena";

Fl-Annotazzjonijiet tal-leġislatur, Sir Adrian Dingli, ma hemmx indikazzjoni ta' l-oriġini ta' din id-dispożizzjoni; biss hu jgħid dawn il-kliem, li ma humiex importanti għall-kwistjoni f'din il-kawża :— "Nel Cod. Civ. Fr., nota all'art. 584, si dice che non era così pei fitti secondo il Diritto Romano — v. Marcadè all'art. 584" (ara Annotazioni, art. 29 fin-numerazzjoni ta' qabel). Dawn il-kliem juru, però, li l-leġislatur Malti kellu quddiemu l-liġi Franċiża meta ivverga l-artikolu tal-Kodiċi Malti;

Din il-Liġi Franċiża tgħid hekk :— "I frutti civili sono le pigioni delle case, gli interessi dei capitali esigibili, le rendite arretrate. I fitti dei fondi locati si annoverano nella classe dei frutti civili";

Il-Kodiċi Taljan igħid hekk :— "Sono frutti civili quelli che si ottengono per occasione della cosa, come gli interessi dei capitali, i proventi delle enfiteusi, dei censi, dei vitalizi, ed ogni altra rendita";

Din il-Qorti taħseb li l-enumerazzjoni tal-Liġi Maltija ma hix tassativa, imma sempliċement enumerativa. Infatti :—

1. Għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Franċiż u tal-Kodiċi Taljan ma humiex identiċi għal dawk tal-Kodiċi Malti, l-idea tal-kriterju li jiddetermina x-xorta ta' dawk li għandhom jitqiesu frottijiet ċivili hija sostanzjalment l-istess tal-Kodiċi Malti. Issa żgur li l-lokuzzjoni tal-Kodiċi Taljan ma hix tassativa, kif jidher mit-termini tagħha stess; u kwantu għall-Kodiċi Franċiż, mill-kommenti tal-Marcadè għall-art. 584 ta' dak il-Kodiċi jidher li dak l-awtur kien qiegħed jikkunsidra l-enumerazzjoni biss eżemplikativa (ara Comm. Cod. Nap., Vol. 4, para. 472, fejn dan l-awtur juża l-istess kliem tal-Kodiċi Taljan "in occasione di una cosa", u fejn jikkomprendi fost il-frottijiet ċivili anki l-prezz taċ-ċessjoni li ssir minn persuna għal oħra biex din ta' l-aħħar tirrakkolji l-frottijiet naturali ta' għalqa (estagli degli affitti a colonia). Anki l-Merlin (Rep. Giurisprudenza, voce Frutti) jitkellem fuq il-frutti ċivili b'mod eżemplikattiv, billi jgħid :— "I frut-

ti civili sono dei prodotti che la legge ha assimilati sotto taluni riguardi ai frutti naturali; tali sono le pigioni delle case, ecc. ecc." ;

2. Ma hemm ebda raġuni biex id-dispożizzjoni tal-Liġi Maltija titqies tassattiva; għax anzi l-liġi tgħid, fl-art. 373 idem, li l-użufruttwarju għandu l-jedd għal-lawdemju, li hija somma li titħallas f'sajt darba, imma appuntu titħallas "per occasione della cosa" ;

3. Għalkemm ma jidherx li l-ġurisprudenza lokali kellha l-opportunità li tippronunzja ruħha fuq dan il-pont partikulari, però fis-sentenza "Vassallo vs. Palmier", mogħtija mill-Prim'Awla Civili, sedenti l-Imħallef Dr. Giuseppe Gasan (Vol. VIII, p. 587) fil-31 ta' Ottubru 1878, jingħad, fil-kors tal-motivazzjoni, "Vari sono i contratti produttivi di frutti civili [illegible] lungo andare. I fitti nella locazione, i canoni nei [illegible] che si percepisce nell'anticresi, superassero il valore della cosa..............." L-antikresi, jew aħjar l-introjtu tagħha, ma humiex imsemmija fl-art. 370 fuq imsemmi; iżda ma jistax ikun hemm dubju li dawk l-introjti huma frottijiet civili wkoll;

4. Fl-annotamenti ta' l-Imħallef Dr. Paolo Debono għall-art. 29 (illum l-imsemmi art. 370) hemm riferenza anki għad-Dritt Ruman (jissemma l-Hamberger, li kiteb test dwar id-Dritt Ruman). Issa, appuntu fid-Dritt Ruman, kif jgħallem ir-Richieri fil-ktieb tiegħu "Universalis Civilis et Criminalis Jurisprudentia), il-kelma "frottijiet" kienet tikkomprendi kull utilità li tista' tiġi percepita mill-ħaġa. Infatti dan l-awtur jgħid :— "In primis igitur, ad usufructuarium pertinent fructus omnes cujuscumque sint generis, sive naturales, sive industriales, sive civiles; atque, ut verbo dicam, emolumentum omne quod ex re percipi potest" (Lib. II, Tit. IV, para. 1529), u dan l-awtur jiċċita in nota diversi testi tad-Dritt Ruman. Kosikkè, skond dan l-awtur, kull profitt li jsir mill-ħaġa hu frott. Jista' jiżdied li, fil-para. 1535, dan l-awtur jgħid li l-"fructus civiles" jikkomprendi anki dawk l-emolumenti li "singulis diebus, imo et momentis, utilitatem afferant", biex jgħid li l-użufruttwarju jieħu minnhom pro rata tal-godiment ;

5. Ir-rigal thallas fl-okkażjoni tal-lokazzjoni, u bhala parti tal-korrispettiv tagħha flimkien mal-kera, u għalhekk hu profitt li sar fl-okkażjoni tal-godiment tal-haġa, u kwindi frott. Il-konvenut, bhala allura sid il-haġa, kellu d-dritt li jagħtiha in lokazzjoni. Hu tħajjar li jagħtiha bil-kera u bir-rigal. Għalhekk anki r-rigal kien korrispettiv tal-lokazzjoni, u kien "emolumentum quod ex re percipi potest";

L-argument li r-rigal ma hux frott, għaliex ma hux introjtu perijodiku, ma hux konvincenti; għaliex hu dejjem korrispettiv, flimkien mal-kera, tal-lokazzjoni, li hi perijodika, u hu dejjem emolument li tipproduċi l-haġa, u, bhala tali, frott tagħha, fis-sens fittizju ta' frott ċivili. Meta wiehed jirċievi kera għal żmien sena, ma hemmx dubju li dak hu frott ċivili; daqstant iehor, meta wiehed jirċievi rigal għal lokazzjoni ta' żmien sena, ma jistax ikun hemm dubju, avvolja somma ta' darba għal dak iż-żmien, li hu wkoll frott ċivili, u dak li sar darba jista' jsir fl-okkażjonijiet ta' lokazzjonijiet ohra; u għalhekk tirrikorri l-perijodiċità, għalkemm irregolari;

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rigal għandu jitqies frott ċivili;

L-appellant jgħid li għalhekk, peress li hu għażel li jżomm il-frottijiet, kwindi kellu d-dritt iżomm anki r-rigal;

Il-konsegwenza tal-fatt li r-rigal hu frott ċivili ma hix preċiżament dik li jrid jigbed l-appellant. Infatti, il-frutti ċivili jiġu konteġġjati "dietim" (art. 372), u r-retrattarju ma jistax jiehu dawk li jiskadu wara li jiġi notifikat biċ-ċedola ta' l-irkupru u depożitu (art. 1495-1496 Kap. 23). F'dan il-każ, il-konvenut ġie notifikat biċ-ċedola fl-ewwel ta' Frar 1952, u minn dik id-data l-frottijiet kienu ta' l-attur retraent. Dan ġie, del resto, rikonoxxut fl-iskrittura aċċettanti r-retratt fol. 4, li fiha l-attur ġie akkreditat mill-ewwel ta' Frar 1952 bil-kera li kien ġa rċieva antiċipatament il-konvenut;

Issa, minn dak l-istess akkreditament jidher li l-lokazzjoni tal-post (u kwindi r-riċezzjoni tar-rigal) saret fl-ewwel ta' Jannar 1952; għaliex is-somma ta' l-akkreditament (£5. 6. 8) hija żewġ terzi ta' £8 (kera ta' trimestru in bażi għal £32 fis-sena). Jidher ukoll li, peress li l-kera ġie mifthem għal

sena, għalhekk id-durata preżunta tal-lokazzjoni hi ta' sena. *Dan ifisser li r-rigal ta' £30, bħala frott ċivili, ripartibili "dietim"*, għandu jmiss lill-konvenut għall-perijodu ta' xahar biss (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' l-istess xahar); vvoldiri huwa għandu biss dritt għal £2. 10. 0 mis-somma tar-rigal; il-bqija, £27. 10. 0, tmiss lill-attur;

Kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż;

Il-Qorti ma jidhrilhiex li f'dan il-każ għandu jiġi segwit il-prinċipju tal-proporzjoni tar-rebħa u t-telf, għaliex il-kwistjoni involuta hi ġdida. Dan ir-[illegible] wkoll għall-*inċidenza* ta' l-ispejjeż ta' l-ewwel [illegible];

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell fis-sens biss li tirriforma s-sentenza appellata fil-meritu u fil-kap ta' l-ispejjeż, billi t-talba ta' l-attur għandha tiġi limitata u akkolta għas-somma ta' £27. 10. 0, u miċħuda għall-kumplament; u billi l-ispejjeż ta' l-ewwel u t-tieni istanza jibqgħu bla taxxa, dritt tar-Reġistru għaż-żewġ istanzi għak-kariku tal-konvenut.

---